# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 244/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Adrian Chircop**

Illum id-disgħa (9) ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Adrian Chircop**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 444871(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi għan-nom u in rappreżentanza ta' Steps Ahead Limited (C41209) u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att,

naqas sal-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żminijiet ta' taxxa relattivi li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi (11) id-denunzji, flimkien mal-ħlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Mejju 2010 sat-30 ta' Novembru 2012 u dan bi ksur ta' Artikoli 30, 66, 76(c) u 76(d) ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1998.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien biżżejjed sabiex jagħmel dan, liema żmien ma kellux jeċċedi tliet xhur, taħt multa ta' mhux inqas minn ħames Euro (€5.00) għal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jgħaddi l-imsemmi żmien mogħti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 27, 30, 66, 76(c) u 76(d) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' tmien mitt Euro (€800). B'applikazzjoni ta' Artikolu 76 ta' l-istess Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat sabiex fi żmien tliet xhur minn dakinhar tas-sentenza jikkonforma ruħu mal-liġi u, fin-nuqqas, jeħel multa oħra ta' ħames Euro (€5.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2016 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' l-appell tiegħu interpost u tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Seduta tal-V.A.T.) fl-ismijiet Il-Pulizija [Spettur Colin Sheldon] vs. Adrian Chircop tat-12 ta' Mejju, 2016 u konsegwentement tilqa' d-difizi u eċċezzjonijiet kollha tar-rikorrent u tħassar s-sentenza appellata."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' Mejju 2016.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u li wassal lill-appellant ikun mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fis-seduta miżmuma fl-10 ta' Marzu 2016 quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 2) jirriżulta li kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-appellant kien jokkupa l-kariga ta' *company secretary* tas-soċjeta' Steps Ahead Limited almenu minn Mejju 2010 sal-15 ta' Marzu 2013.

- **Paul Scicluna** (Spettur tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud – *a fol.* 27 *et seq.*) xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn huwa kkonferma d-dokumenti li jinsabu minn *a fol.* 3 sa *a fol.* 9 tal-proċess. Jgħid li kienet saret kwerela peress li ma

kienux rċevew id-denunzja minn naħa tal-appellant fil-perjodu msemmi – mill-31 ta' Mejju 2010 sat-30 ta' Novembru 2012. Jgħid li dawn id-denunzji kienu għadhom mhux sottomessi sa dakinhar li kien qed jixhed ċioè sat-28 ta' Ġunju 2018. Jgħid li lanqas ma kien sar il-ħlas li jiġi magħhom. In kontro-eżami wieġeb li ma kienx għamel riċerki fuq dan il-każ. Jgħid li ma kienx jista' jgħid jekk l-appellant kienx mar għand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u li nfurmahom dwar is-sitwazzjoni. Jgħid li kien impossibbli għalih li jkun jaf li l-appellant mar id-Dipartiment għax huma jaħdmu b'sistema kompjuterizzata. Jaqbel li l-appellant kien tressaq għaliex huwa *company secretary*. Jaqbel ukoll li d-diretturi kienu barranin u li f'każijiet bħal dawn huma jduru fuq xi ħadd Malti. Jisħaq li l-appellant seta' jissottometti denunzja *"to the best of his knoweldge"* u jipproponiha fuq il-formola u jgħid li din mhijiex xi formola speċjali.

- L-appellant **Adrian Chircop** (*a fol.* 31 *et seq.*) xehed ukoll quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Jgħid li kien sar *company secretary* wara li kien avviċinat minn avukat ħabib tiegħu. Jgħid li ċċekkja min kienu s-*shareholders* Maltin. Jisħaq li l-għan kien li jkun *company secretary* u jagħmel l-*accounts* għaliex hu *certified public accountant*. Jgħid li huwa aċċetta wara li għamel ir-riċerki tiegħu u li l-awdituri li kien hemm kienu awdituri serji li aċċertawh li kollox kien tajjeb. Jgħid li dam *company secretary* għal kważi tliet snin u jgħid ukoll li d-direttriċi Pollakka kienet tgħidlu li kollox kien *in order* peress li kellhom l-awdituri. Jgħid li kien ikellimha regolarment bit-telefon u li bagħat xi *emails*. Jgħid li bħala dokumenti huwa qatt ma ra. Jisħaq li talab kemm-il darba biex jara *drafts* tal-*accounts* u li darba mar jagħmel *surprise visit* fl-uffiċju tagħhom il-Birgu fejn sab l-uffiċju magħluq. Wara li ħabbat, ħareġ wieħed ta' ħdejhom fejn qallu li ma kinux għadhom hemm. Jgħid li huwa rriżenja minnufih. Wara ftit mar id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fejn għamel ittra u spjega min kien. Jgħid li qatt ma rċieva xejn minn għandhom. Jgħid ukoll li huwa sema' l-ewwel darba minn

> għand id-Dipartiment in kwistjoni meta rċieva ċ-ċitazzjoni. Fil-kontro-eżami qal li juża d-*database* tal-MFSA. Huwa skopra li ż-żewġ *shareholders* Maltin kienu kumpaniji oħrajn. Jgħid li kienu għamlu lill-Pollakka bħala direttriċi barranija. Jgħid li l-*accounts* ma kienx rahom u li sa fejn jaf hu ma kinux fid-*database* u d-direttriċi kienet qaltlu li ser jagħtuh il-kopji huma. Jgħid li lilu ma kienu tawh aċċess għal xejn. Jgħid li l-awdituri kienu responsabbli għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Jgħid ukoll li ma kellux dritt jiffirma r-*return* tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud peress li kien jikser il-liġi għax ma kellux awtorita'.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant iressaq ħames aggravji fir-Rikors tal-appell tiegħu. Hawnhekk il-Qorti ser tagħmel riferenza għal tlieta minn dawn il-ħames aggravji: l-ewwel, it-tieni u l-ħames aggravju.

Illi jkun opportun li jingħad li filwaqt li l-ewwel aggravju kien dwar dak li l-appellant isejjaħ li kien malintiż fil-kors tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti li skont hu ppreġudika d-dritt tad-difiża tiegħu, it-tieni aggravju huwa li l-imputazzjoni kienet preskritta. Il-ħames aggravju huwa li s-sentenza tikkontjeni żball ta' fatt u ieħor ta' liġi.

Illi għal kull buon fini jingħad filwaqt li l-ewwel żewġ aggravji ġew irtirati mill-appellant fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2018 meta nstemgħu s-sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti diversament preseduta (*a fol.* 39 *et seq.*), il-ħames aggravju ġie rtirat mill-istess appellant quddiem din il-Qorti kif preseduta fit-13 ta' Lulju 2023 (*a fol.* 64). Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tliet aggravji msemmija b'dan illi jkun jonqos biss it-tielet u r-raba' aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa li huwa għamel minn kollox biex jottempora ruħu u ma kellux jinstab ħati ta' ħwejjeġ li għalihom hu kien fl-impossibilita' li jwettaqhom. Jgħid li huwa għamel kull ma seta' biex jirretifika s-sitwazzjoni. Jagħmel riferenza, fost l-oħrajn, għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Audrey McCormick** (Numru 369/2008).

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li l-appellant twieled fis-sena 1971 u sar *company secretary* ta' Steps Ahead Limited f'Mejju 2010 (*a fol.* 8) jiġifieri meta huwa kellu madwar 39 sena. Din il-Qorti tinnota wkoll li huwa kien *certified public accountant*. Dan ifisser li l-appellant kien matur biżżejjed u li kellu għarfien sewwa b'mod professjonali tal-obbligi ta' *company secretary*. Żgur kien jaf li *company secretary* għandu pożizzjoni speċjali fil-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jgħid li pprova jikkuntattja d-direttriċi diversi drabi u li kienu jgħidulu li kollox qed jieħdu ħsieb l-awdituri u l-avukati tagħhom. Iżda jekk seta' jemminhom fil-bidu ma jistax ikun li professjonista ta' esperjenza jibqa' jafda qisu kollox għaddej tajjeb. Tant kien konsapevoli mir-rwol ta' *company secretary* li, skont hu, avviċina u kiteb lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud biex jiddikjara li hu ma kellux x'jaqsam mal-mili tal-formoli.

Illi din il-Qorti ma taċċettax li l-appellant ma' għamilx id-denunzji għaliex ma kienx awtorizzat jiffirma għall-kontijiet bankarji u affarijiet oħra. Il-mili tad-denunzji jibqa' obbligazzjoni li toħroġ minn Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u żgur li l-appellant kien jaf b'Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta li kien ilu fis-seħħ żmien twil qabel iż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Dan l-Artikolu jagħmilha ċara li huwa jgħodd mhux biss għad-diretturi u *managers* imma anke għas-segretarji. Bħala *certified public accountant* l-appellant kien jaf ukoll bl-eżistenza ta' Artikolu 66(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jgħid ċar u tond li jgħodd ukoll għal kull segretarju, *manager*, direttur, stralċarju jew uffiċjal prinċipali ta' entita' jew korp ta' persuni, kull

werriet u eżekur testamentarju u kull kuratur ta' eredita' vakanti u kull tutur, kuratur, amministratur jew *trustee* ta' kull persuna oħra jew ta' *trust*, *fund*, jew entita' oħra. Dawn għandhom jitqiesu bħala rappreżentanti ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, xi persuna oħra, *trust*, *fund* jew entita' oħra, skont il-każ.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant dam *company secretary* mid-19 ta' Mejju 2010 sal-15 ta' Marzu 2013 jiġifieri kważi tliet snin. Din il-Qorti hija tal-fehma li dan kien żmien twil biżżejjed biex l-appellant seta' jinduna li l-affarijiet ma kinux sejrin sew speċjalment meta huwa daħal bħala *company secretary* bit-tir li jieħu ħsieb l-*accounts* hu. Kellu juri aktar diliġenza milli joqgħod jistenna sakemm mar iħabbat il-bieb tas-soċjeta' u jinduna li d-diretturi ma kinux għadhom hemm. Il-*company secretary* huwa mistenni minnu diliġenza kbira biex jieħu ħsieb ta' kollox b'mod speċjali fejn jidħol l-erarju. Ma kellux joqgħod fuq dak li komplew jgħidulu.

Illi għandu jingħad li d-*due diligence* irid jibda mill-bidu tal-kuntatt ma' kumpanija. Mhux biżżejjed li wieħed jistrieħ fuq li jingħad lilu minn avukat jew fuq l-assigurazzjoni li d-ditta tal-awdituri hija waħda serja. Id-*due diligence* irid isir aktar bis-serjeta'.

Għaldaqstant, minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija, it-tielet aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa li s-sentenza appellata injorat d-difiżi taħt Artikoli 66(5) u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li huwa uża' diliġenza raġonevoli u jisħaq li r-responsabilita' ta' uffiċjal ta' kumpanja mhijiex waħda assoluta. Jgħid li huwa ressaq prova li ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza jkun jaf b'dak l-għemil jew nuqqas.

Illi Artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid jekk:

> "Rappreżentant ikollu responsabbilta' solidali mal-persuna li jkun qiegħed jippreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna: iżda meta r-rappreżentant ikun aġixxa *in bona fede* u ma jkunx qed xjentement jikkontravjeni s-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabilita' tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjeta' li huwa jkun qed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovut lil persuna li huwa jkun ir-rappreżentant tagħha."

Illi minn naħa l-oħra Artikolu 82(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

> "B'żieda u mingħajr preġudizzju għal kull obbligazzjoni ta' xi impjegat jew persuna oħra, meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn korp ta' persuni, id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir minn kull direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dik il-korp ta' persuni: iżda direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa ġieb prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel biex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas." [emfażi mizjuda]

Illi għandu jingħad li l-Ewwel Qorti għamlitha ċara li ma kinitx qed taċċetta s-sottomissjoni tal-impossibilita' li fuqha nsista l-appellant. Kif diġà ngħad aktar 'il fuq, ma jirriżultax li l-appellant uża dik id-diliġenza raġonevoli li wieħed jistenna minn *certified public accountant*. Huwa rriżenja meta kien tard wisq. Għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet sew li tinjora d-difiża taħt Artikolu 82 hawn fuq ċċitat la ma kienx hemm diliġenza raġonevoli. Minn naħa l-oħra, Artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta mhux involut f'dawn il-proċeduri liema proċeduri huma limitati għan-nuqqas tal-preżentazzjoni tad-denunzji.

Għal dawn il-motivi, inkluż dawk imsemmija fil-konsiderazzjonijiet dwar it-tielet aggravju, anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Adrian Chircop u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**